# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

Avviz tat-Talba nru. **95/2019**
fl-ismijiet:

**Citadel Insurance plc (C-21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Ronald Zammit, bil-polza u bil-Ligi, u l-istess Ronald Zammit**

***versus***

**Transport Malta precedentement maghrufa bhala Awtoritá Ghat-Trasport f'Malta**

**Illum, it-Tnejn, 5 ta' Awwissu, 2019**

It-Tribunal;

Ra r-rikors ta' l-attrici datat 17 ta' Gunju, 2019 (*a foll*. 27–28) illi bih talbet korrezzjoni fl-okkju, fis-sens illi jithassar l-isem ta' Ronald Zammit u kull fejn jidher tali isem jitnizzel isem martu, Markaren Zammit Galea;

Ra d-digriet tieghu tal-25 ta' Gunju, 2019 (*a fol*. 29) fejn giet ordnata n-notifika lill-konvenuta ta' tali rikors bi zmien ghaxart'ijiem ghar-risposta;

Ra r-risposta ta' l-Awtoritá konvenuta datata 17 ta' Lulju, 2019 (*a foll*. 33–35) fejn hemm oggezzjoni u opposizzjoni ghal tali korrezzjoni;

It-Tribunal ha konjizzjoni mill-gdid ta' l-atti processwali rilevanti ta' dan il-procediment;

It-Tribunal jikkunsidra;

Dan huwa provvediment (digriet) dwar talba ghal korrezzjoni skond l-Art. 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-prezenti tikkoncerna talba da parti ta' l-assikurazzjoni attrici sabiex l-atti processwali pertinenti tal-prezenti proceddiment jigu korretti minhabba zball tat-tipa peress li minflok ma tnizzel korrettement isem is-sid tal-vettura assigurata, cioé "Markaren Zammit Galea", bi zvista tnizzel isem ix-xufier li kien qed isuq fid-data tal-incident, u cioé "Ronald Zammit" li jigi r-ragel ta' l-assikurata. Tali talba qed tissejjes fuq l-Art. 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Min-naha ta' l-Awtoritá konvenuta hemm opposizzjoni ghal tali korrezzjoni u tikkontendi, *inter alia*, li tali bidla ma intalbitx mill-attrici fl-ewwel udjenza hekk kif irid l-Art. 7 tal-L.S. 380.01 u anke l'ghaliex mhux annoverabbli taht dak li jghid u jrid il-precitat Art. 175 ghax timporta bidla ta' parti li jgib fix-xejn l-ewwel u l-hames eccezzjonijiet taghha. In sostenn tal-posizzjoni taghha l-Awtoritá tissenjala provvediment (digriet) moghti fil-11 ta' Lulju, 2019 minn dan it-Tribunal kif presjedut fil-proceduri *in re* "Ivan Vella v. Joseph Pitre et" (ref. nru. 549/2018) fejn talba ghal korrezzjoni kienet giet rigettata;

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

It-Tribunal jinnota li hemm differenza markata bejn l-episodju fil-kaz *in re* "Ivan Vella v. Joseph Pitre et" u dak tal-lum. F'dak il-kaz, il-parti attrici kienet ammettiet il-leggerezza taghha li titraxxina in giudizju zewg partijiet li kienu kompletament estraneji ghall-vicenda processwali u kienet talbet li z-zewg konvenuti malment u originarjament imnizzla bhala konvenuti jigu sostitwiti bi tnejn ohra differenti u dan wara li l-istess konvenuti originali kienu sejsu l-linja difensjonali taghhom interament fuq il-presuppost li ma kienux il-legittimi kontradittturi di fronti ghall-istanza attrici. Min-naha l-ohra, f'dan il-kaz l-assigurazzjoni attrici ssenjalat li kienet qed tressaq il-kawza ukoll flimkien ma' l-assikurat taghha, izda nizzlet isem ix-xufier minflok dak ta' l-istess assikurat (cioé indikat lil "Ronald Zammit" minflok lil "Markaren Zammit Galea"). Ronald Zammit u Markaren Zammit Galea huma konjugi.

Fil-fehma tat-Tribunal, il-fattezzi tal-kaz li fuqu tinsab tistrieh l-Awtoritá konvenuta (fuq citat), ma jistghux, fis-sewwa, japplikaw ghal dawk tal-kaz prezenti. Il-fattispecji taz-zewg grajjiet processwali joriginaw minn zvisti diversi u jikkomportaw konsegwenzi ferm differenti.

F'dan is-sens wiehed jirrikjama t-taghlim gurisprudenzjali li jghid li hu *ius receptum* illi "*kull kaz ghandu fattispeci pekuljari ghalih u ma jkunx gust illi l-mertu tieghu ma jkunx ezaminat* a se stante *u deciz fuq il-fatti ottenuti. Fil-kontingenzi zvarjati tal-hajja, c-cirkustanzi individwali ta' kull kaz ma jistghux jigu injorati jew evalwati b'mod irrigidit u nflessibbli*." (**Andrew Briffa v. Direttur tas-Sigurtà Socjali**, Appell Inferjuri, 1 ta' Novembru, 2006). Fuq l-istess stregwa kienet id-decizjoni *in re* **Loris Bianchi pro et noe v. John Vella** (Appell Inferjuri, 9 ta' Mejju, 2007) fejn intqal illi, "*Tajjeb dejjem, però, li jinzamm in mira illi kull kaz ghandu l-fattispeci pekuljari tieghu u dawn iridu jigu mistharrga fuq il-meriti jew id-demeriti taghhom*" u dik *in re* **Maria Victoria Zammit v. Direttur tas-Sigurtà Socjali** (Appell Inferjuri, 23 ta' Ottubru, 2009) fejn hemm imtenni li, "*Kull kaz ghandu l-istorja tieghu u jrid per konsegwenza jigi ezaminat fil-kwadru tal-fattispeci pekuljari tieghu*." Fl-istess sens hi d-decizjoni *in re* **C. Fino & Sons Limited v. Mario Gauci et**[1] fejn insibu ritenut li, "*kull kaz ghandu l-fattispeci pekuljari tieghu u element fattwali wiehed jista' jkun bizzejjed biex jaghmel id-differenza minn kaz ghall-iehor*." B'dan premess, ghalhekk, "*Huwa importanti li meta qorti ticcita minn sentenza – specjalment meta ticcita mix-chapeau li normalment jipprecedi r-riproduzzjoni tas-sentenza fid-decizjonijiet pubblikati – tassigura ruhha li l-fatti tal-kaz li ghalih tkun qed issir referenza jkunu identici ghall-fatti tal-kaz de quo, jew li ghall-anqas dik il-qorti tkun verament qed tenuncja principju ta'*

*applikazzjoni generali. Huwa perikoluz hafna li wiehed jestrapola minn kawza ghal ohra (haga llum aktar facli bis-sistema tal-cut and paste tal-kompjuters) minghajr ma joqghod attent li dak li jkun qed jigi riprodott ikun verament applikabbli ghall-kaz de quo*.” (**Maria Cini v. Lucia sive Lucy Saliba et**, Appell Superjuri, 30 ta’ Gunju, 2010). In aggjunta, kif asserit *in re* **Lec Limited v. Tabbingtons Limited** (Appell Superjuri, 19 ta’ Aril, 2012), “*huwa tajjeb illi min – bħas-soċjetà konvenuta – jiġih il-ħsieb illi jiċċita siltiet ta’ sentenzi barra mill-kuntest tagħhom, ikun jaf u jżomm dejjem f’moħħu illi l-qorti ma toqgħodx biss fuq is-siltiet ċitati iżda tara wkoll is-sentenza sħiħa*.”

It-Tribunal ma qedx ighid li l-Awtoritá hawnhekk konvenuta iccitat brani hziena jew barra mill-kuntest, izda sempliciment illi l-kunsiderazzjonijiet maghmula minn dan it-Tribunal fil-provvediment *in re* “Ivan Vella v. Joseph Pitre et” kienu intimament attinenti u marbuta ghall-fatti pekuljari ta’ dak l-episodju processwali specifiku, li fil-veritá ma jistghux jigu reputati jew meqjusa bhala analogi ghal dawk ta’ l-episodju prezenti.

Wiehed ghalhekk ma jridx jitlef di vista li hemm kaz u kaz, kif ukoll errur u errur u li kollox jiddependi min-natura tal-kaz jew l-origini ta’ l-errur. Ghalhekk, u kuntrarjament ghall-episodju fil-kaz *in re* “Ivan Vella v. Joseph Pitre et”, f’dan il-kaz hemm indikazzjonijiet oggettivi li juru li l-izvista ta’ l-attrici ma kienetx dovuta ghal xi traskuragni grossolana jew ghal xi leggerezza imperdonabbli da parti taghha, izda frott semplici zvista f’isem ta’ individwu li huwa assikurat maghha.[1]

Ma’ l-att promotur hemm dokumentazzjoni annessa li tindika kjarament li l-assigurat ta’ l-attrici hija “Markaren Zammit Galea”. Hawn issir referenza ghar-Rapport tal-Pulizija li jindika lil “Markaren Zammit” bhala “Owner at Time of Incident” (*a fol*. 4), l-ittra ufficjali datata 15 ta’ Mejju, 2017 emessa mill-assikurazzjoni attrici kontra l-Awtoritá konvenuta li tindika li l-persuna assikurata kienet “Markaren Zammit Galea” (*a fol*. 5) u s-*survey report* tad-29 ta’ Settembru, 2015 li juri lil “Markaren Zammit Galea” that in-nomenklatura “Owner Name” (*a fol*. 9). Inoltre, l-Avviz tat-Talba *in se* jindika li l-kawza qed issehh mill-assikurazzjoni (presumibilment ghax ghamlet tajjeb ghad-danni) flimkien ma’ l-assikurat taghha (presumibilment ghall-*excess*), izda isem dan ta’ l-ahhar hu indikat hazin.

Fil-fehma tat-Tribunal, dawn huma kollha fatturi ta’ indole oggettiva li juru li in realtá l-assikurata hija “Markaren Zammit Galea” u mhux “Ronald Zammit” u li, ghalhekk, dak indikat fl-att promotur

---

[1] Fil-kaz *in re* **Carmelo sive Charles Baldacchino v. Giuseppe Arcidiacono** (Appell Superjuri, 17 ta’ Jannar, 2007) inghad illi, “*Jekk il-konvenuti ghadhom jaħsbu li l-kawzi jintrebhu u jintilfu għax xi ħadd għamel punto fejn kellu jagħmel virgola, mela għadhom ma fehmux li l-ligi tagħti aktar siwi lill-bona fides milli lill-formalizmu, kif jixhed car l-Art. 993 tal-Kodici Civili. Ma taħrabx mill-obbligazzjonijiet tiegħek għax l-attur jismu Carmelo flok Charles* […] *Jekk il-kawzi fil-fehma tal-konvenuti għandhom jintrebħu u jintilfu għax issir ‘akka’ zejda mela hemm baħar jaqsam bejn il-ligi bħala strument tal-gusitizzja kif tifhimha din il-Qorti u l-ligi bħala nassa u strument għal min irid jaħrab minn dmirijietu kif jifhmuha l-konvenuti. Il-ligi trid is-sewwa, mhux li twaqqa’ lin-nies f’xi nassa*.” Ara wkoll, ghal dak li jiswa, *in re* **Carmelo Galea et v. Guido Vella et** (Appell Superjuri, 16 ta’ April, 2004) u *in re* **Maria Carmela Vella et v. Anton Galea et** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex], 23 ta’ Ottubru, 1991]. Konsonu mat-taghlim appena citat huwa dak riportat fil-kawza *in re* **Lawrence Farrugia sive Gatt v. Dottor Vladimir Formosa nominee et** (Prim’Awla, 29 ta’ Jannar 1970; mhux pubblikata) fejn inghad li, “*Il-ligi, konsistentement mal-gustizzja u mas-serjetá u dinjitá taghha, ghandha sservi ta’ strument socjali kostruttiv, li biha n-nies ghandhom dritt jinqdew b’mod prattiku li jirrendi l-frott u hajja mhux dewmien evitabbli u ariditá li jiddispraw lil dak li jkun u jikkreaw ostilitá u scetticismu fil-poplu kontra l-ligi.”*

kien merament zvista waqt ir-redazzjoni ta' l-istess att. Ghalhekk, it-Tribunal – filwaqt li jerga' jirrimarka li min ifassal att gudizzjarji ghandu jippresta attenzjoni ghal dak li jkun qed jigi mnizzel u indikat – sejjer jakkorda u jilqa' t-talba ghal korrezzjoni kif imressqa mill-attrici fir-rikors taghha.

Tali akkoljiment qed isehh abbazi ta' l-Art. 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (u, naturalment, mhux skond dak previst fl-Art. 7 tal-L.S. 380.01) li jippermetti zieda (jew tnehhija) ta' isem ta' waħda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, purké "*sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza … l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża*", li f'dan il-kaz it-Tribunal ma jqisx li hemm, hekk kif ser jigi deskritt infra.[2]

B'tali akkoljiment tat-talba ghal korrezzjoni, is-sustanza tal-linja difensjonali ta' l-Awtoritá konvenuta mhux ser tigi kompletament skonvolta, emaskulata jew imdajfa u lanqas irreparabilment pregudikata.

Ghalkemm ma jigix negat illi kemm l-ewwel eccezzjoni (dik ta' preskrizzjoni kontra l-attur Ronald Zammit) u kif ukoll parti mill-hames eccezzjoni (dwar is-surroga bejn l-assikurazzjoni attrici u Ronald Zammit), xi ftit jew wisq, sejrin jintlaqtu, jew jigu ri-dimensjonati, bl-akkordata korrezzjoni, il-qalba tad-difiza u s-sustanza tar-rezistenza ta' l-Awtoritá konvenuta ser jibqghu bla mittiefsa u mpregudikati u sejrin izommu l-istess effikacja u sahha guridika.

Ghalhekk, fejn l-Awtoritá konvenuta qed tirrezisti bil-qawwa kollha li hi mhux responsabbli ghall-akkadut (skond it-tielet eccezzjoni), fejn qed tikkontendi li l-allegazzjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt (skond ir-raba eccezzjoni), fejn qed tghid li ghandha ssir il-prova tad-debita surroga bejn assikurat u assikurazzjoni (skond il-hames eccezzjoni) u fejn l-Awtoritá trid li l-atturi ghandhom l-oneru li idonjament jippruva l-kaz taghhom ghal dak li jikkoncerna l-*quantum* ta' hsarat (skond is-sitt eccezzjoni), dan kollu ser jibqa' proceduralment legittimu u persegwibbli, bl-istess potenza legali nonostante l-akkolta talba ghal korrezzjoni fl-isem.

Madanakollu, it-Tribunal sejjer jiehu dan l-episodju in konsiderazzjoni meta finalment ikun qed jiddeciedi dan il-kaz, stante li l-istess seta' jigi facilment evitat bil-prestazzjoni ta' ftit attenzjoni.

**Ghaldaqstant**, in linea mall-kunsiderazzjonijiet u mar-ragunijiet fuq espressi, qed jilqa' t-talba kif dedotta fir-rikors ta' l-attrici tas-17 ta' Gunju, 2019 u jordna li l-okkju tal-prezenti proceduri jigi jaqra korrettement «*Citadel Insurance plc (C-21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Markaren Zammit Galea, bil-polza u bil-Ligi, u l-istess Markaren Zammit Galea*» u li tali korrezzjoni tapplika kull fejn mehtieg fl-atti ta' dawn il-proceduri.

In vista ta' dan kollu, it-Tribunal ukoll jordna li fl-udjenza li jmiss, dik datata 24 ta' Ottubru, 2019, ma jitressqux provi sabiex dakinhar il-procediment odjern jigi ulterjorment stradat.

Kwalsiasi spejjez u/jew drittijiet gudizzjarji marbuta ma' dan l-episodju huma rizervati ghall-gudizzju finali.

---

[2] Dwar l-applikabilitá *in tandem* (konguntiva) ta' l-Art. 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma' l-Art. 7 tal-L.S. 380.01, it-Tribunal jirreferi ghall-kunsiderazzjonijiet minnu maghmula fil-provvediment *in re* "Ivan Vella v. Joseph Pitre et" (ref. nru. 549/2018) li jaghtu twegiba ghal certu argumenti senjalati fir-risposta ta' l-Awtoritá konvenuta.

It-Tribunal jordna li kopja tal-prezenti provvediment (digriet moghti *in camera* llum 5 t'Awwisu, 2019) jigi minnufih komunikat u mgharraf lid-difensuri tal-partijiet permezz tal-*email* (avukat attur: james.dagostino@gmail.com; avukat konventa: cvella@mb.com.mt).

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*